SAN GILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033,
Tel : 21373111 Fax : 21373444
e-mail: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif. Nru. Minuti 15/K6/09**

**Il-Ħmistax-il Laqgħa Pubblika 2009**

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 10/03/09 244**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 10/03/09 297**

1.01 Il-Kunsill Lokali San Ġiljan żamm il-ħmistax il-Laqgħa Pubblika, skond kif jipprovdi l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, nhar it-Tlieta 10 ta' Marzu 2008.

1.02 Il-Laqgħa saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fis-6.00 p.m.

1.03 Preżenti: Ħames membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-iskrivani.

1.04 Skużati: Il-Kunsilliera Karl Gouder u Edgar Montanaro.

1.05 Preżenza tal-pubbliku: Wieħed (1)

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa u beda billi ta' merħba lir-resident li kien preżenti u nfurmah li l-laqgħa kienet qed tinżamm skond Artiklu 70 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali.

1.07 Is-Sindku Peter Bonello qara r-rapport tax-xogħolijiet fuq l-andament tal-Kunsill matul is-sena li għaddiet 2008/09 kif ukoll il-pjan għas-sena li ġejja 2009/10.

## 2. Suġġerimenti / Ilmenti

2.01 Wara li nqara r-rapport tressqu dawn is-suġġerimenti / ilmenti:-

- Sar tifħir lill-Kunsilliera kollha tax-xogħol siewi tagħhom u ġie kkumentat illi jidher illi l-istat tat-tindif in ġenerali fil-lokalita'

jidher li tjib konsiderevolment madankollu hemm bżonn li jingħata servizz ta’ knis aktar frekwenti fl-area ta’ The Gardens;

- Il-manholes tad-drenaġġ ta’ Triq Oleander, Triq iż-Żebbuġ u Triq il-Palm qegħdin b’diżlivell;

- Qed tipparkja karozza, bil-Bill Board fuqha, għall ħin twil fil-Pjazza tal-Balluta. Din qed tostakola l-veduta lill-ħafna anzjani li jmorru jqattgħu ftit tal-ħin fuq il-bankijiet li hemm f’din il-pjazza.

3. Iċ-Chairman irringrazzja lill-pubbliku preżenti u temm il-laqgħa fis-6.50 p.m.

| | |
|---|---|
| Peter Bonello | Helen Walker |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |